

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1380

tal-10 ta' Awwissu 2015

li tawtorizza lir-Renju tad-Danimarka jirratifika l-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u mal-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottati konguntemment f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001

(notifikat bid-dokument C(2015) 5553)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/325/KE tas-27 ta' April 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 1a tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġurisdizzjoni u rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽²⁾ ("il-Ftehim") jirrikjedi li d-Danimarka ma tidħol fl-ebda ftehim internazzjonali li jista' jaffettwa jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 ⁽³⁾, sakemm ma tagħmilx dan bi ftehim mal-Unjoni Ewropea u ma jkunux saru arranġamenti soddisfaċenti rigward ir-relazzjoni bejn il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u d-Danimarka, minn naħa waħda, u l-ftehim internazzjonali inkwistjoni min-naħa l-oħra. Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 ġie revokat u sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, id-Danimarka, permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2012, innotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li timplimenta l-kontenut tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 ⁽⁵⁾. F'konformità mal-Artikolu 3(6) tal-Ftehim, in-notifika Daniża ħolqot obbligi reċiproċi skont il-liġi internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 jikkostitwixxi emenda għall-Ftehim.
- (3) Fit-30 ta' Marzu 2015, id-Danimarka talbet lill-Unjoni Ewropea sabiex taqbel mar-ratifika proposta tagħha tal-Konvenzjoni dwar interessi internazzjonali fl-apparat mobbli ("il-Konvenzjoni") u l-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani ("il-Protokoll"), adottati konguntemment f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001.
- (4) Xi wħud mill-materji rregolati mill-Konvenzjoni u l-Protokoll huma koperti wkoll mir-Regolament (UE) Nru 1215/2012, minħabba li dawk l-istrumenti jaffettwaw dak ir-Regolament. B'mod partikulari, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu X tal-Protokoll jirregolaw miżuri provviżorji. Dan l-Artikolu tal-aħħar japplika biss jekk Stat Kontraenti għall-Protokoll jagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu XXX(2). Barra minn hekk, l-Artikolu 43 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu XXI tal-Protokoll jirregolaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, il-ftehim tal-Unjoni Ewropea li d-Danimarka tirratifika l-Konvenzjoni u l-Protokoll huwa meħtieġ sa fejn dawn ir-regoli jaffettwaw ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012.
- (5) Skont l-Artikolu 1a tad-Deċiżjoni 2006/325/KE għall-fini li jiġi applikat l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni trid tivvaluta, qabel ma tittieħed deċiżjoni li tesprimi l-ftehim tal-Unjoni, jekk il-ftehim internazzjonali previst mid-Danimarka jrendix il-ftehim ineffettiv u ma jimminax il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita bir-regoli tiegħu.

⁽¹⁾ ĠUL 120, 5.5.2006, p. 22.

⁽²⁾ ĠUL 299, 16.11.2005, p. 62.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠUL 12, 16.1.2001, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠUL 351, 20.12.2012, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠUL 79, 21.3.2013, p. 4.

- (6) L-Unjoni Ewropea aderiet għall-Konvenzjoni u l-Protokoll fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/370/KE ⁽¹⁾, u ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni fit-28 ta' April 2009.
- (7) F'konformità mad-Deċiżjoni 2009/370/KE, mal-adeżjoni tagħha għall-Konvenzjoni u l-Protokoll, l-Unjoni Ewropea għamlet dikjarazzjoni skont l-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni rigward l-applikazzjoni tal-Artikoli 13 u 43 tagħha f'sitwazzjonijiet fejn id-debitur ikun domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Hija għamlet ukoll dikjarazzjoni skont l-Artikolu XXX(5) tal-Protokoll, li tiddikjara li l-Artikolu XXI tiegħu mhux se japplika fi ħdan l-Unjoni Ewropea u r-Regolament (KE) Nru 44/2001 se japplika għal din il-kwistjoni għall-Istati Membri marbutin bir-Regolament imsemmi jew bi kwalunkwe ftehim ieħor maħsub sabiex jestendi l-effetti tiegħu. Hija ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni rigward l-Artikolu X tal-Protokoll.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2009/370/KE u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Hija se tkun marbuta bil-Konvenzjoni u l-Protokoll biss bħala parti kontraenti separata.
- (9) Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u l-fatt li l-Konvenzjoni u l-Protokoll daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2009 fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni minbarra d-Danimarka, il-Kummissjoni tqis li r-ratifika tagħhom mid-Danimarka ma trendix il-Ftehim ineffettiv u lanqas ma timmina l-funzjonament xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tagħha, sakemm id-Danimarka tagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu XXX(5) tal-Protokoll, simili għal dawk magħmula mill-Unjoni Ewropea. Skont din l-istess kundizzjoni, din mhux se taffettwa l-kundizzjonijiet li skonhom l-Unjoni Ewropea nnifisha aderixxiet għal din il-Konvenzjoni u l-Protokoll.
- (10) Għalhekk, l-Unjoni Ewropea għandha tawtorizza lid-Danimarka sabiex tirratifika l-Konvenzjoni u l-Protokoll. Meta tirratifika l-Konvenzjoni u l-Protokoll, id-Danimarka għandha tagħmel dikjarazzjonijiet dwar l-Artikoli 13 u 43 tal-Konvenzjoni u dwar l-Artikolu XXI tal-Protokoll, bħal dawk magħmula mill-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tawtorizza lir-Renju tad-Danimarka jirratifika l-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u mal-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottati konguntemet f'Capetown fis-16 ta' Novembru 2001.

Artikolu 2

Meta tirratifika l-Konvenzjoni u l-Protokoll, id-Danimarka tagħmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin rispettivament:

1. Skont l-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni ta' Cape Town, meta d-debitur ikun domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka tapplika l-Artikoli 13 u 43 tal-Konvenzjoni għal miżuri provviżorji biss b'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (*), kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (**).
2. F'konformità mal-Artikolu XXX(5) tal-Protokoll tal-Ajruplani, id-Danimarka mhijiex se tapplika l-Artikolu XXI ta' dak il-Protokoll u r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 se japplika għal din il-kwistjoni.

(*) ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

(**) ĠU L 299, 31.12.1972, p. 32."

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/370/KE tas-6 ta' April 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u mal-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottati konguntemet f'Capetown fis-16 ta' Novembru 2001 (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 3).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Membru tal-Kummissjoni
